MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Numru. 668/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Stefano Montebllo ta’ 28 sena, iben Joseph u Pauline nee Schembri, mwieled Pieta nhar is- 6 ta’ Jannar 1985, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 52585Mu residenti gewwa Qajjenza Meadows Flt 3, Wesgha Ramon Perellos, Birzebbugia

Talli;

Fix-xahar ta’ Gunju 2013, b’diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differneti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b;rizoluzzjoni wahda. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn

haga ta’ haddiehor li giet data jew ikkunsinjata lilu minhabba l-professjoni industrija, kummerc, amminsitrazzjoni, kariga jew servizz jew minhabba depozitu necessarju, u li giet fdata jew ikkunsinjata lilu that titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir minnha uzu specifikat, apparat li l-valur tieghu jaccedi l-elfejn tliet mija u disgha u fhoxrin ero u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad dannu tal-kumpaniji Transient Ltd, Twilight Ltd, Tricky Sound System, is-sidien u diretturi tal-istess kumpaniji u persuni ohra;

U aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien gewwa dawn il-Gzejjer huwa naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti fid-digriet taggha li bih inghata l-helsien mill-arrest that garanzija.

U aktar talli irrenda ruhu ricediv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi tal-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu, kif ukoll tallli wettaq reat fil-perjodu operattiv taċ sentenza sospiza;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib lill-imputat hati u tghaddi biex taghti s-sentenza fil-konfront tieghu. Mal-ammissjoni tieghu, l-imputat iddikjara li kien ser jirritorna l-oggetti misruqa minnu, u ghalhekk talab li l-Qorti ma tghaddix biex taghti s-sentenza mill-ewwel, izda taghtih ftit zmien sabiex jirritorna l-oggetti mehuda minnu. Il-Qorti, sabiex tipprova tassisti ulterjorment lill-imputat, ordnat li jsir 'pre-sentencing report' fuqu, sabiex il-Qorti jkollha aktar informazzjoni meta' tigi biex teroga l-piena, in vista li kien hemm intendiment li l-imputat kien ser jirritorna l-oggetti mehuda minnu, kif gia' inghad aktar 'il fuq.

Il-Qorti ghalhekk kienet halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-2 ta' Settembru 2103, jigifieri sitt gimghat wara l-ammissjoni tal-imputat, biex isehh dak kollu indikat hawn fuq. Gara, izda, li l-imputat ma deherx fit-2 ta' Settembru, u ghalhekk ma setghetx tinghata s-sentenza fl-assenza tieghu. Inoltre, il-parti leza kien deher u ddikjara lill-Qorti li ma kien gie ritornat xejn mill-imputat. Ghalhekk il-Qorti rrevokat id-digriet taghha tal-helsien mill-arrest preventiv tieghu, u ordnat li jigi arrestat mill-gdid. Meta deher quddiem il-Qorti fis-17 ta' Ottubru 2013, ma kienx assistit minn avukat, u ghalhekk il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghallum. Il-Qorti giet informata li l-ebda wiehed mill-oggetti mehuda minnu gew ritornati lill-parti leza. Ghalhekk kien evidenti ghall-Qorti li wara dan it-trapass taz-zmien kollu, l-imputat ma kellu ebda intenzjoni jirritorna l-oggetti mehuda minnu. In vista ta' dan kollu, il-Qorti rat li ma kellha ebda triq ohra klief li tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310(1)(a), 579, 49, 50 u 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq Ammissjoni din il-Qorti qed issib l-istess imputat Stefano Montebello hati kontra l-akkuzzi kontra tieghu u ghal daqstant qeghda tikkundanah ghall-piena ta' erba' (4) snin prigunerija.

In oltre din il-Qorti qeghda, ai termini tal-Artikolu 28B(2)(a) tal-Kap 9, tastjeni milli taghtih providiment fuq is-sentenza sospiza data 25 ta' April 2013, liema sentenza ghalhekk tibqa' invarjata.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------